Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 42, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 14 ta' Ottubru 2014, fil-5.00 pm.

1. **Prezenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.) |
| Skuzat | Stephen Caruana ( S.C.) |
| Assenti | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Milied 2015
6. Estensjoni ta' kuntratt – MXLC01/2013
7. Estensjoni ta' kuntratt – MXLC02/2012
8. Extensjoni ta' kuntratt – MXLC04/2013
9. Hatra ta' adjudication board ghal sejha ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC01/2014
10. Lista ta' works orders/purchase orders
11. Lista ta' petty Cash
12. Approvazzjoni ta' hlasijiet
13. Affarijiet oħra
14. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**41/01** **Qari tal-Minuti**

42/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 41, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

42/02/02 Is-Sur Angelo Micallef ressaq korrezzjoni fuq il-minuti li permezz taghha f'minuta 41/02/08, wara il-kliem "ma jibqax kif kien fil-prezent", zdied il-kliem " Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu l-ewwel jaghmel studju dwar il-possibilitajiet ta' parkegg fiz-zona sabiex jigi stabbilit liema kienet l-ahjar soluzzjoni". Is-Sur Angelo Micallef ghamel korrezzjoni ohra dwar l-istess minuta li permezz taghha tnehha il-kliem "Il-proposta tas-Sur Bugeja ghadiet b'votazzjoni unanima".

42/02/03 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja il-minuti gew unanimament approvati

42/02/04 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**42/02** ***Arisings* mill-Minuti**

42/02/01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li ma kien hemm ebda zvilupp b'konnessjoni ma' regeneration plan li kien qieghed jigi propost ghal-lokalita' (41/02/01), hekk kif maqbul, kienet intbaghtet e-mail lis-Sur Mario Cutajar. Kopja tal-email kellha tintbaghat lill-kunsilliera kollha.

42/02/02 Is-Sur Edric Micallef qal illi kienet inzammet laqgha mal-Onor. Roderick Galdes li ghaliha flimkien mal-Kunsill Lokali kienu prezenti rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sajd, Dipartiment ghall-Gvern Lokali u s-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi tinstab soluzzjoni ghall-problema ta' kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma b'konnessjoni ma winchrooms li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda (41/02/02). Is-Sindu spjega kif kien intlehaq qbil illi d-Dipartiment tas-Sajd ihallas il-kontijiet pendenti li kien hemm b'konnessjoni mal-winchrooms li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda, liema kontijiet kienu jammontaw ghal madwar €7 000. Min-naha tieghu il-Kunsill Lokali kien gie mitlub ihallas kont ghal arlogg tad-dawl li kien hemm biswit l-istabbiliment Harbour Lights, liema arlogg ma kienx jintuza mid-Dipartiment tas-Sajd. Il-kontijiet ghall-arlogg imsemmi kienu jammontaw ghal madwar €2 000. Is-Sindku zied jghid illi kien intlehaq ftehim sabiex dawn il-fondi jinkisbu minghand is-Segtretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. Is-Sur Micallef kompla jghid illi d-Dipartiment tas-Sajd kien ser jaghmel talba sabiex service pillars li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda, jkunu jistghu jintuzaw biss mis-sajjieda. Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu joggezzjona ghal din id-decizjoni ghaliex meta kienu saru s-service pillars, kien intlehaq qbil illi dawn setghu jintuzaw mill-bejjiegha tal-hut li kienu joperaw fis-suq fil-berah. Filwaqt li kien hemm qbil illi din il-materja kellha tingieb ghall-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Sajd, intlehaq ftehim ukoll sabiex tinzamm laqgha mal-istess Dipartiment tas-Sajd u d-Dipartiment Marittimu fi hdan Transport Malta sabiex jigu rizolti diffikultajiet li kien hemm b'konnessjoni ma' skalien u zoni riservati ghas-sajjieda matul ix-xatt.

42/02/03 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien hemm xi zviluppi rigward devoluzzjoni ta' proprjeta' fi Triq l-Arznell (41/02/04). Fil-fatt minkejja li l-Kunsill ma kien ircieva ebda komunitat ufficjali, huwa kellu informazzjoni illi l-process ta' devoluzzjoni kien wasal fi tmiemi u l-proprjeta' kienet ser tigi devoluta lill-Kunsill Lokali bi hlas ta' €300 fis-sena lill-Gvern Centrali.

42/02/04 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi water feature li kien hemm fi Pjazza Madonna ta' Pompei kienet issewwiet u regghet inxteghlet (41/04/10). Is-Sur Edric

Micallef zied jghid illi huwa kien tal-opinjoni illi tinhareg sejha ghall-offerti sabiex isir maintenance agreement gdid peress illi dak ezistenti kien skada. Ghal dan il-ghan, il-kumpanija AFS Ltd., li kienet installat il-water feature kienet giet mitluba tghaddi d-dettalji teknici tal-apparat. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq is-suggeriment tas-Sindku.

42/02/05 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jimmarka z-zona riservata ghall-pedonali fuq il-bankina ta' Triq Xatt is-Sajjieda (in-naha tal-bini). Huwa zied jghid illi huwa kien tal-fehma illi z-zona li kellha tithalla libera ghall-pedonali kienet ta' metru u nofs wisa' mill-bankina, hekk kif stabbilit legalment. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimmarka z-zona riservata ghall-pedonali permezz ta' *stainless steel studs*. Kien hemm qbil ukoll illi din iz-zona kellha tkun man-naha tal-bini bil-parti esterna tal-bamkina tithalla libera ghall-imwejjed, umbrelel u siggijiet.

42/02/06 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul fis-seduta precedenti, il-Kunsill Lokali kien ipprovda trasport ghal individwi li kienu wrew ix-xewqa li jippartecipaw fl-attivitajiet li kienu gew imtella mid-Dar tal-Provvidenza bil-ghan illi jingabru fondi ghall-istess organizzazzjoni (41/03/04).

42/02/07 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi filwaqt li kien sar xi xoghol ta' roadmarkings f'diversi zoni ta' Marsaxlokk ma kenitx giet implimentata decizjoni ta' Transport Malta sabiex issir pedestrian crossing gdida fi Triq Santa Katerina (41/04/02). Filwaqt li sahaq illi dan kien dovut ghall-fatt illi l-permess kien inhareg b'kundizzjoni illi jsir sett ta' *belisha lights*, is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, minbarra l-*pedestrian crossing* imsemmija, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra l-possiblita' illi jsiru *belisha lights* ma' *pedestrian crossings* li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu mal-proposta tas-Sindku u gie deciz illi jigi avvjat il-process sabiex isiru l-*belisha lights* imsemmija.

42/02/08 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv jinforma lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni mal-infurzar ta' bye-law dwar karrijiet u oggetti ta' ingombru (41/09/01). Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul, kien sar kuntatt mal-Ispettur Melvyn Camilleri bil-ghan illi tigi implimentata parti mill-bye-law in-kwistjoni u jitnehhew *skips* li kienu mpoggija fit-toroq ta' Marsaxlokk b'mod illegali. Madanakollu, sal-gurnata tal-laqgha, l-iskips kienu ghadhom ma tnehhewx. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ma tittehidx azzjoni dwar il-materja fl-iqsar zmien possibbli tintbaghat korrispondenza lill-Agent kummissarju tal-pulizija flimkien mal-Ministru responsabbli mill-Gustizzja.

42/02/09 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda konferma rigward sinjali tat-traffiku u parking bays fi Triq Xatt is-Sajjieda (41/02/08). Waqt diksussjoni libera, huwa spjega kif dan kien ifisser illi ma kien hemm ebda permess sabiex saru l-parking bays u sinjali tat-traffiku min-naha ta' Transport Malta. Is-Sur Edric Micallef sahaq illi ghaldaqstant fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jirranga l-*parking bays* b'tali mod illi jigu *parallel* mal-bankina u inehhi tabelli li kien hemm u li kienu jikkoncernaw il-parkegg nhar ta' Hadd. Is-Sur Angelo Micallef qal illi huwa kien tal-opinjoni illi kemm il-darba tittiehed decizjoni dwar din il-materja, din kellha tkun suggetta ghal valutazzjonijiet ulterjuri. Wara diskussjoni qasira, fuq proposta tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill kellu jnehhi t-tabelli

msemmija u jirranga l-parking bays hekk kif propost bid-decizjoni suggetta ghal valutazzjonijiet ulterjuri.

42/02/10 Is-Sur Carmelo Bugeja staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward haxix hazin li kien hemm fi Triq il-Powerstation. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fir-rigward il-Kunsill Lokali kien gibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet koncernati. Madanakollu, kien hemm kwistjoni dwar min kien responsabbli mit-tindif bejn l-Environmental Landscapes Consortium Ltd. u l-Cleansing Dept. dwar il-materja. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellu jintbaghat e-mail lill-MELP sabiex din is-sitwazzjoni tigi ratifikata.

**42/03 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

42/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien zamm laqgha mas-Sur Oliver Scicluna f'isem il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabilita'. Waqt il-laqgha, kienu gew diskussi fost affarijiet ohra l-accessibilita' tac-centru tar-rahal ghall-persuni bi bzonnijiet specjali.

42/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien zamm laqgha rigward kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma li kien hemm f'winchrooms f'Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku zied jghid illi waqt il-laqgha li ghaliha flimkien mal-Kunsill Lokali kien prezenti l-Onor Roderick Galdes, is-Sur Micael Cohen (Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali), is-Sur Carmelo Abela (Dipartiment ghall-Gvern Lokali) u rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sajd, kien gie deciz illi d-Dipartiment tas-Sajd kellu jhallas kontijiet pendenti li kien hemm b'konnessjoni mal-imsemmija arloggi. Min-naha l-ohra l-Kunsill Lokali kien gie mitlub ihallas kont pendenti ghal arlogg li kien hemm biswit l-istabbiliment Harbour Lights, li l-konsum tieghu ma kienx sar mid-Dipartiment tas-Sajd.Wara diskussjoni qasira, waqt l-istess laqgha kien gie deciz illi l-kont ghall-arlogg imsemmi kellu jigi mhallas mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali.

42/03/03 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed izomm numru ta' laqghat b'konnessjoni ma' *Tourist Information Office*. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi b'konnessjoni ma din il-materja, il-Kunsill Lokali kien ghaddej b'diskussjonijiet kontinwi mal-Ministeru tat-Turizmu u l-Awtorita' Maltija ghat-turizmu.

42/03/04 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien inghata bidu ghal xogholijiet fuq parti mill-bankina fi Triq San Guzepp. E.M. zied jghid illi parti mill-bankina ta' Triq San Guzepp kienet ser issir mill-gdid peress illi kienet tinstab fi stat hazin hafna.

42/03/05 Is-Sindku informa lil dawk prezenti illi hekk kif ippjanat kienet inzammet l-attivita' fish fest 2014. Huwa zied jghid illi minkejja likien sar dak kollu possibbli, minhabba l-fatt illi l-kordinament tal-attivita' kien sar f'qasir zmien, kienu gew innotati xi nuqqasijiet. Ghaldaqstant, fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jahseb sabiex kemm il-darba kien hemm il-hsieb illi attivita' similit tittella' fl-2015, isir il-kordinament mehtieg minn zmien qabel.
Wara diskussjoni relatat mal-materja kien hemm qbil unanimu illi attivita' simili kellha tittella' fl-2015. Gie stabbilit ukoll illi jinbeda' l-process sabiex kemm il-darba ikun possibbli jinghata bidu minnufih ghall-kordinament tal-attivita' bi proposta sabiex l-istess attivita' issir fix-xahar ta' Mejju sabiex tahbat mal-istagun tal-qbid tat-tonn.

42/03/06 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-ghada tas-seduta u cioe' l-Erbgha 15 t'Ottubru 2015, kien gie mistieden ghal attivita' li kienet ser tinzamm gewwa l-istabbiliment Il Giardino u li ghaliha kien mistidenen l-Onor. Dr. Edward Zammit Lewis, Ministru ghat-turizmu. Is-Sindku zied jghid illi l-attivita' kienet marbuta ma unur li kien rebah l-istabbiliment in-kwistjoni.

42/03/07 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb illi tinhareg sejha ghall-offerti sabiex ikun jista' jsir l-ahhar parti ta' resurfacing ta' Triq il-Wilga. Is-Sur Micallef zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, is-sejha ghall-offerti kellha tinhareg b'tali mod illi apparti l-ahhar *layer* fit-triq imsemmija jinghata major patching f'zoni li kellhom bzonn. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi tinhareg is-sejha ghall-offerti hekk kif kien ippropona s-Sindku. L-ammont ta' xoghol li kienet ser tinkludi s-sejha kellu jigi stabbilit wara li jsir ezercizzju sabiex ikun maghruf l-ammont ta' fondi li kellu ghad-disposizzjoni tieghu il-Kunsill Lokali. Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, kellha titkompla l-bankina tal-istess triq sabiex tkun uniformi. Kien hemm qbil unanimu illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti separata sabiex issir l-imsemmija bankina.

42/03/08 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb li ssir bankina fi Triq it-Trunciera (mal-hajt tal-hardstanding facilities). Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, it-triq kienet wiesa' bizzejjed sabiex issir bankina u fl-istess waqt tkun qieghda tizdied is-sigurta' ghall-pedonali. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel bankina fil-parti tat-triq in-kwistjoni hekk kif propost mis-Sindku.

**40/04** **<u>Korrispondenza</u>**

42/04/01 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2014, il-Kunsillier Angelo Micallef gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-fatt illi korrispondenza li kienet relatata mad-Delimara monitoring Committee tal-MEPA ma kenitx qieghda tasal ghand il-Kunsill lokali b'mod dirett b'kuntrast mal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga li kien jircievi kull korrispondenza b'mod dirett. L-istess kien japplika ghall-Inginier Arthur Ciantar, li kien mahtur mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bhala espert tekniku u li ma kienx qieghed jircievi l-korrispondenza b'mod dirett.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi kellha tingibed l-attenzjoni tal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar dwar din il-materja.

42/04/02 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2014 is-Sa. Borg Marie Jeanne, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratti ffirmati ma' WasteServ Malta b'konnessjoni ma' bins ta' skart riciklabbli kien skada u ghaldaqstant cirkostanzi dwar tindif u tiswijiet kellhom jiddependu fuq il-ftehim li l-Kunsilli Lokali kellhom mal-iskemi ezistenti.

42/04/03 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Settembru 2014, is-Sur Vincent Attard, f'isem Nature Trust informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' ta' tindif li kienet ser tinzamm fil-batterija ta' San Pawl fiz-zona ta' Delimara u talab lill-Kunsill Lokali jipprovdi zewg skips sabiex ikun jista' jintrema' l-materjal fihom.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokai kellu jipprovdi l-iskips ghall-attivita' hekk kif mitlub.

42/04/04 E-Mail datat 29 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu is-Sur Glenn Farrugia informa lill-Kunsilli Lokali bil-GIS cultural mapping Public Consultation b'konnessjoni mal-Valletta 2018 Foundation u laqghat li kien ser ikun hemm. Fl-istess e-mail is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tinzamm laqgha gewwa l-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid nhar it-28 t'Ottubru 2014 b'konnessjoni mal-materja.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Carmelo Bugeja kellu jattendi ghal-laqgha msemmija f'isem il-Kunsill Lokali.

42/04/05 Permezz ta' e-mail datat 7 t'Ottubru 2014,is-Sur Mariorick Mifsud informa lill-Kunsill Lokali illi l-ispejjez sabiex terga' ssir huta li kienet insterqet minn monument li kien hemm f'Xatt isSajjieda kienu jammontaw ghal €1750 (VAT eskluz).
Wara li giet diskussa l-materja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux jidhol ghall-ispiza msemmija.

42/04/06 Ittra datata 7 t'Ottubru 2014 li permezz taghha, id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali illi b'konnessjoni mal-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali, id-Dipartiment tieghu kien ser jghaddi lill-Kunsill Lokali l-ammont ta' €5020.53 sabiex tkopri l-arretrati ghas-snin 2012-2014.

42/04/07 Permezz ta' ittra datata 13 ta' Settembru 2014, il-Kunsill Lokali talab lil Heritage Malta informazzjoni dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni mal-proposta tal-Kunsill Lokali sabiex issir xi haga rigward l-istat ta' abbandun tal-fortizza ta' Delimara.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi dwar il-materja kienet ghadha ma waslet ebda risposta min-naha ta' Heritage Malta.

42/04/08 Permezz ta' ittra datata 13 ta' Settembru 2014, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk informa lil Heritage Malta illi bi qbil mal-Kunsill Lokali taz-Zejtun, kien qieghed jitlob laqgha mal-istess Heritage Malta bil-ghan illi jigi mfassal pjan ta' rigenerazzjoni ghaz-zona tat-tempji ta' Tas-Silg.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi ma kienet waslet ebda risposta minghand Heritage Malta rigward il-materja.

42/04/09 Permezz ta' ittra datata 29 ta' Settembru 2014, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk informa lis-Sidien ta' stabbilimenti illi sabiex jigi ccarat kull dubju li kien hemm b'konnessjoni ma roadmarkings fi Triq Xatt is-Sajjieda, il-Kunsill Lokali kien qieghed jipproponi illi man-naha tal-istabbilimenti sinjal abjad li kien hemm jinbidel ma wiehed isfar. Fl-istess ittra, il-Kunsill Lokali talab il-kummenti tas-Sidien ta' stabbilimenti rigward il-materja.

42/04/10 Permezz ta' e-mail datat 14 t'Ottubru 2014, il-Kunsill Lokali informa lis-Sur Mario Cutajar mill-Ufficcju tal-Prim Ministru, sabiex jigbed l-attenzjoni rigward dewmien li kien qieghed ikun hemm b'konnessjoni ma regeneration plan li kien qieghed jigi propost mill-Gvern Centrali ghal-lokalita'.

42/04/11 Permezz ta' e-mail datat 26 ta' Settembru 2014, is-Sa. Fenech Farrugia Andreina, direttrici tad-Dipartiment ghas-Sajd u Akwakultura, infurmat lill-Kunsill Lokali b'dak li kien gie deciz f'laqgha li kienet inzammet rigward kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma f'winchrooms f'Xatt is-Sajjieda. Is-Sa. Fenech Farrugia semmiet fost ohrajn kif kien hemm qbil illi d-Dipartiment li kienet tirraprezenta kellu jhallas il-kontijiet pendenti. Min-naha tieghu id-Dipartiment tas-Sajd kien ser jiehu hsieb illi jinqata' arlogg tad-dawl li kien hemm biswit l-istabbiliment Harbour Lights. Fl-istess

e-mail is-Sa. Fenech Farrugia sahqet ukoll illi d-Dipartiment taghha kien ser ikun qieghed jinforma lill-Kunsill Lokali illi service pillars li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda, kienu ser ikunu jistghu jintuzaw biss mis-sajjieda u sidien ta' bastimenti b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.
Is-Sur Steven Grech qal illi filwaqt li kien jaqbel mal-ftehim milhuq fuq diversi punti, huwa kellu informazzjoni illi l-bejjiegha tal-hut tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd, bi qbil mal-Gvern Centrali kien inghatalhom id-dritt illi jaghmlu uzu mis-Service Pillars, liema dritt fl-opinjoni tieghu kellu jibqa' fis-sehh. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat e-mail lis-Sa. Fenech Farrugia u jinfurmaha dwar il-materja.

42/04/12 Permezz ta' e-mail datat 10 t'Ottubru 2014, is-Sur Adrian Mifsud, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, informa lill-Kunsilli Lokali b'kors li kien ser jittella' dwar Public Management u Governanza fil-Livell ta' Gvern Lokali. Il-kors li ghaliha kienu miltuba jattendu s-Segretarji Ezekuttivi.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezent illi huwa kien ser jattendi ghall-imsemmi kors hekk kif mitlub.

42/04/13 E-mail datat 30 ta' Settembru 2014, li permezz tieghu, is-Sindku informa lill-Perit Audrey Testaferrata deNoto bis-sitwazzjoni ta' periklu li kienet qieghda tinholoq f'Xatt is-Sajjieda nhar ta' Hadd kawza tal-iskema ta parkegg ezistenti. Is-Sindku zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien talab lill-Works Division sabiex jipprovdi evidenza illi l-iskema kienet saret bil-permessi mehtiega. Madanakollu l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda risposta.

**42/05** **<u>Milied 2015</u>**

42/05/01 Is-Sindku qal illi kien wasal iz-zmien illi l-Kunsill Lokali jippjana ghall-attivitajiet li kien ser itella' (kemm il-darba kien hemm il-hsieb) fi zmien il-Milied 2015. Ghal dan il-ghan il-ghan, ghas-seduta kienu ssejhu l-membri tas-Sotto-Kumitat Zghazagh u Kultura. Is-Sur Matthew Bugeja, is-Sa. Emily Vella u s-Sur Horace Gauci f'isem l-imsemmi Sotto-Kumitat qalu illi huma kienu interessati sabiex flimkien mal-bqija tal-membri tas-Sotto-Kumitat jiehdu hsieb il-kordinament ta' attivita' ghal zmien il-Milied. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-attivita' kellha ssir nhar is-Sibt 20 u l-Hadd 21 ta' Dicembru 2014. Is-Sur Edric Micallef qal illi kemm il-darba ikun hemm skemi li l-Kunsill Lokali jkun jista' japplika ghalihom sabiex jinkisbu fondi ghall-attivita' kienet l-intenzjoni illi l-istess Kunsill Lokali jissottometti applikazzjoni. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiddeciedi l-ammont ta' fondi li kien ser jigi allokat ghall-attivita' u ppropona s-somma ta' €4 000. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima. Kien hemm qbil illi l-attivita' li kienet ser tigi kkordinata mis-Sotto-Kumitat Zghazagh u Kultura kellha tkun imfassla sas-seduta segwenti sabiex titpogga ghad-diskussjoni. Kien hemm qbil ukoll illi waqt l-attivita' kellu jsir gbir ghal ghaqda filantropika.
Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali minbarra li jkompli t-tradizzjoni li jzejjen Xatt is-Sajjieda b'dawl adattat ghal zmien il-Milied, kellu jiehu hsieb illi jixtri xi disinji ta' dwal sabiex ikompli jzid ma dawk li kellu. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jalloka s-somma ta' €700 b'risq l-inizjativa. Is-Sur Angelo Micallef issekonda l-proposta tas-Sur Grech li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**42/06** **Estensjoni ta' kuntratt - MXLC01/2013**

42/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kellu mal-kumpanija V&A Services ghall-gbir ta' skart domestiku imhallat kien jaghlaq f'Ottubru 2014 u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi jestendih b'sena.
Wara diskussjoni qasira, is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jestendi b'sena il-kuntratt ma' V&A Services. Il-proposta tas-Sindku giet sekondata mill-Kunsillier Angelo Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**42/07** **Estensjoni ta' kuntratt - MXLC02/2012**

42/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi t-tieni sena tal-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' Environmental Landscapes Consortium Ltd. rigward iz-zamma u manutenzjoni ta' Soft Areas kien jiskadi f'Ottubru 2014. Il-Kunsill Lokali kellu ghaldaqstant jiehu decizjoni dwar jekk l-istess kuntratt ghandux jigi estiz ghall-ahhar sena hekk kif permessibli legalment.
Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, is-servizzi li kienet toffri Environmental Landscapes Consortium Ltd. lill-Kunsill Lokali kienu tajbin hafna u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jestendi l-kunratt ezistentI. Is-Sur Carmelo Bugeja ssekonda l-proposta mressqa mis-Sur Grech li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**42/08** **Estensjoni ta' kuntratt – MXLC04/2013**

42/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mas-Sur Ronald Bezzina ghall-gbir ta' skart goff kien ser jaghlaq l-ewwel sena tieghu f'Novembru 2014 u talab lill-Kunsilliera prezenti jiehdu decizjoni dwar jekk l-istess kuntratt kellux jigi estiz.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali joffri s-servizz ta' gbir ta' skart permezz tal-haddiema li kellu assenjati mieghu. Kien hemm qbil illi sabiex dan isehh kien hemm il-htiega illi l-Kunsill Lokali jixtri vann adattat. Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb ihejji sejha ghall-offerti sabiex jixtri vann irrispettivament mill-kuntratt tal-gbir ta' skart goff ghaliex dak li kellu ma kienx adattat ghal certu xoghol. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda l-proposta tas-Sur Grech li ghaddiet b'votazzjoni unanima.
Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jgedded il-kuntratt li kellu mas-Sur Ronald Bezzina ghall-gbir ta' skart goff. Is-Sur Edric Micallef issekonda l-proposta tas-Sur Grech li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**42/09** **Hatra ta' adjudication board ghal-sejha ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC01/2014**

42/09/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien jinhtieg li jinhatar *adjudication board* ghal sejha ghall-offerti Numru MXLC01/2014 (*Insurance Cover*). Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, is-Sinjuri Jordy Brincat, detentur tal-karta tal-identita' numru 240086(M) u s-Sur Angelo Baldacchino, detentur tal-karta tal-identita' numru 432152(M) kellhom jinhatru bhala membri fuq l-imsemmi *adjudication board.* Il-proposta tas-Sindku giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima. Kien hemm qbil illi apparti z-zewg membri

msemmija, il-Kunsilliera kollha kellhom jinhatru bhala membri fl-istess *adjudication board.*

**42/10** **<u>Lista ta' Works Orders/Purchase Orders</u>**

42/10/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works orders/purchase orders mahruga mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Settembru 2014.

40/10/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Edric Micallef, il-Kunsill unanimament approva l-lista imsemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**42/11** **<u>Lista ta' Petty Cash</u>**

42/11/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Settembru 2014

42/11/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Angelo Micallef, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**42/12** **<u>Approvazzjoni ta' hlasijiet</u>**

42/12/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 10/2014) ghall-approvazzjoni.

42/12/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Carmelo Bugeja, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**42/13** **<u>Affarijiet ohra</u>**

42/13/01 *<u>Icicle Lights mas-sigar ta' Triq Santa Katerina/Zejtun</u>*
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, minbarra talba lill-ELC sabiex hekk kif sehh fil-passat isir tizjin tal-Milied f'roundabout li kien hemm fi Triq iz-Zejtun, kellha ssir talba lill-istess kumpanija sabiex isir xi tizjin tal-Milied f'central strip li kien hemm fi Triq Santa Katerina. Fl-istess waqt, il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jaghmel xi tizjin ma' sigar li kien hemm fl-istess central strip. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta li kien ghamel is-Sindku

42/13/02 *<u>Uniformi ghall-impjegati.</u>*
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet hadet hsieb tigbor stima ghal uniformi gdida. Is-Sur Hall zied jghid illi l-uniformi li kellhom l-impjegati kienet ilha ghandhom ghal aktar minn tliet snin u ghaldaqstant kien hemm bzonn illi tinbidel. L-istima migbura minghand il-kumpanija In Design kienet tammonta ghal €988.25. Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija sabiex jixtri uniformijiet godda ghall-impjegati. Is-Surt Edric Micallef issekonda l-kunsiderazzjoni tas-Sur Grech li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

42/13/03 *Server ghall-Ufficcju Amminstrattiv*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kompjuter li kien jintuza bhala data server fl-ufficcju amministrattiv kienet zviluppatlu hsara. Ghaldaqstant kien sar kuntatt ma' persuna teknika sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega, liema tiswijiet ma setghux isiru minhabba illi l-hsarat kienu irreparabbli. Ghaldaqstant, l-amministrazzjoni kienet talbet stima lill-kumpanija C-Planet IT solutions ghal data server. L-istima li kien ircieva l-Kunsill Lokali kienet tammonta ghal €1032.50.

Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, is-sistemi li kien adotta l-Kunsill Lokali ma setghux jiffunzjonaw ottimament minghajr data server u ghaldaqstant fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jixtri l-imsemmi server minghand C-Planet IT solutions hekk kif propost mill-amministrazzjoni. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda l-kunsiderazzjoni tal-kunsiller A.M. li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

42/13/04 *Tindif wara l-grawnd tal-futbol*

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb inaddaf bicca art li kien hemm wara grawnd tal-futbol li kien jinstab fi Triq il-Kavallerizza.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat ittra lill-Onor. Joe Mizzi, sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi x-xoghol imsemmi isir mill-Gvern Centrali

42/13/05 *Trasport Pubbliku f'Xatt is-Sajjieda nhar ta' Hadd*

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, galadarba l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni illi tinbidel l-iskema ta' parkegg ta' Triq Xatt is-Sajjieda matul il-jum tal-Hadd, kien ser ikun possibbli illi t-trasport pubbliku jghaddi minn Triq Xatt is-Sajjieda.

Wara diskussjoni liberam kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jevalwa r-rizultati tal-iskema ta' parkegg li kienet ser tigi implimentata u kemm il-darba ikun possibbli isiru d-diskussjonijiet mehtiega mal-awtoritajiet koncernati sabiex it-trasport pubbliku jerga' jibda jghaddi minn Triq Xatt is-Sajjieda matul il-jum tal-Hadd.

42/13/06 *Triq il-Kavallerizza kantuniera ma' Triq l-Arznell*

Is-Sur Steven Grech qal illi flmkien mas-Sindku, kien ghamel spezzjoni fi Triq il-Kavallerizza kantuniera ma' Triq l-Arznell bil-ghan illi jsir embellishment f'bicca art mitluqa li kien hemm.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellha ssir talba lil Transport Malta sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-proposta tal-Kunsill Lokali timmaterjalizza.

42/13/07 *Litter bins li nqalghu minn pjazza fi Triq Xatt is-Sajjieda*

Is-Sur Steven Grech qal illi persuni mhux maghrufa kienu qalghu zewg litter bins likien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda biswit il-monument dedikat lis-Sajjieda. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-litter bins kellhom jitwahhlu lura f'posthom.Sabiex jehlu b'mod aktar sod minn kif kienu qabel, gie deciz illi jitqabbad kuntrattur sabiex ihaffer fil-bankina u jaghmel ix-xoghol mehtieg.

42/13/08 *Kurduna biswit l-istabbiliment Matthew's fi Triq Xatt is-Sajjieda*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien gie avvicinat mis-sid tal-istabbiliment Matthew's li kien ilmenta illi kurduna li kien hemm biswit il-proprjeta' tieghu kienet tizloq u kienet qieghda tkun ta' periklu ghall-pendonali. Is-Sur Hall zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien wahhal non-slip tape u pprova jiccippja xi ftit

mill-kurduna sabiex ma tibqax tizloq. Madanakollu minhabba l-materjal li kienet maghmula minnu l-kurduna l-problema ma kenitx giet rizolta.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi kellu jsir kuntatt mal-Works Division fi hdan il-Minsiteru ghat-Trasport u Infrastruttura sabiex isir ix-xoghol mehtieg halli tissolva il-materja

**42/14** **<u>Aġġornament</u>**

42/14/01 Is-Seduta spiccat fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014 fil-5:30p.m.

_____________________

**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

_____________________

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: ___________________

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK** **Skeda Nru. 11/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 15/10/14 sa 11/11/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Anglu Grech (Ninu tal-Milord) | € 52.86 | € 52.86 | D | PF | Concrete | 10-10-2014 | 4048 | 1125 | 1547 | | 8346 |
| 2 | C-Planet IT Solutions | € 1,032.50 | € 1,032.50 | D | PF | Purchase of new server (PC) | 28-10-2014 | PR292/14 | 1134 | 1556 | | 8349 |
| 3 | Smart Office Supplies | € 24.07 | € 24.07 | D | PF | Stationery | 22-09-2014 | 10998 | 1111 | 1533 | | 8348 |
| 4 | Smart Office Supplies | € 200.60 | € 200.60 | D | PF | Stationery | 24-09-2014 | 11205 | 1098 | 1520 | | 8348 |
| 5 | Smart Office Supplies | € 33.81 | € 33.81 | D | PF | Stationery | 16-09-2014 | 10726 | 1078 | 1500 | | 8348 |
| 6 | Smart Office Supplies | € 121.31 | € 121.31 | D | PF | Stationery | 12-09-2014 | 10549 | 1078 | 1500 | | 8348 |
| 7 | Smart Office Supplies | -€ 2.66 | -€ 2.66 | D | PF | Stationery | 16-09-2014 | 1171 | 1078 | 1500 | | 8348 |
| 8 | Silvan Carabott | € 25.00 | € 25.00 | D | PF | Cross of flowers for funeral | 08-10-2014 | inv1/14 | 939 | 1359 | | 8347 |
| 9 | Anglu Grech (Ninu tal-Milord) | € 132.00 | € 132.00 | D | PF | Concrete | 10-10-2014 | 4047 | 1123 | 1545 | | 8346 |
| 10 | Jessica Caruana | € 220.00 | € 220.00 | D | PF | Librarian Assistant & Story telling (Sep 2014) | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8350 |
| 11 | MITA | € 19.87 | € 19.87 | D | PF | E-mail accts | 09-10-2014 | SIN030784 | n/a | n/a | | 8345 |
| 12 | MITA | € 19.87 | € 19.87 | D | PF | E-mail accts | 09-10-2014 | SIN30716 | n/a | n/a | | 8345 |
| 13 | MICAR (Natasha Caruana) | € 172.27 | € 172.27 | D | PF | Groceries | 08-11-2014 | 303 | 1162 | 1585 | | 8344 |
| 14 | GO Plc | € 567.00 | € 567.00 | D | PF | various telecomm. And internet services | | | | | | |
| 15 | EMME ESSE | € 219.00 | € 219.00 | D | PF | Frames X 8 | 09-10-2014 | 2037 | 1130 | 1552 | | 8360 |
| 16 | Petty Cash | € 100.00 | € 100.00 | D | PF | Petty Cash | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8359 |
| 17 | Jessica Caruana | € 220.00 | € 220.00 | D | PF | Librarian Assistant & Story telling (July 2014) | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8358 |
| 18 | GO Plc | € 12.34 | € 12.34 | D | PF | Bill for inernet key | 09-10-2014 | 40286551 | n/a | n/a | | 8361 |
| 19 | Caruana Bros (R.Caruana) | € 38.41 | € 38.41 | D | PF | diesel for Council's van | 16-10-2014 | 948 | 1137 | 1559 | | 8356 |
| 20 | Smart Office Supplies | € 81.15 | € 81.15 | D | PF | Stationery | 18-10-2014 | 12568 | 1142 | 1564 | | 8355 |
| | **Sub Total c/f** | **3289.4** | **€3,289.40** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **3289.4** | **€3,289.40** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 43**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK** **Skeda Nru. 11/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 15/10/14 sa 11/11/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | WasteServ Malta Ltd. | €296.81 | €296.81 | D | PF | MSW WASTE (Sep 2014) | 15/10/14 | 52811 | n/a | n/a | | 8354 |
| 22 | WasteServ Malta Ltd. | €682.98 | €682.98 | D | PF | MSW WASTE (Sep 2014) | 15/101/4 | 52863 | n/a | n/a | | 8354 |
| 23 | Enemalta plc | €11.53 | €11.53 | D | PF | Electrical Cons. For temporary box | 03-10-2014 | 360 | n/a | n/a | | 8353 |
| 24 | Valley Pet Shop | €32.00 | €32.00 | D | PF | Velenu tal-bebbux | 31-10-2014 | 63 | 1150 | 1573 | | 8352 |
| 25 | Valley Pet Shop | €19.75 | €19.75 | D | PF | Compost | 10-11-2014 | 65 | 1165 | 1588 | | 8352 |
| 26 | Gemma Cuschieri | €256.00 | €256.00 | D | PF | Cleaning of Council's premises | 16-10-2014 | n/a | n/a | n/a | | 8342 |
| 27 | G4S Security Servcices Ltd | €40.12 | €40.12 | D | PF | Cash Collection Services (Oct 2014) | 31-10-2014 | 11062 | n/a | n/a | | 8341 |
| 28 | ARMS Ltd | €301.40 | €301.40 | D | PF | W&E Consumption for Adm. Offices | 30-09-2014 | 19138453 | n/a | n/a | | 8340 |
| 29 | MICAR (Natasha Caruana) | €158.74 | €158.74 | D | PF | Groceries | 15-11-2014 | 304 | 1163 | 1585 | | 8339 |
| 30 | J.J. Ironmongery | €29.92 | €29.92 | D | PF | Ironmongery | 29-10-2014 | 210848 | 1148 | 1571 | | 8338 |
| 31 | Jason Gauci | €161.35 | €161.35 | D | PF | Newspapers for October 2014 | 04-11-14 | inv10/14 | 1154 | 1577 | | 8337 |
| 32 | KOPTASIN | €6.84 | €6.84 | T | PF | Roadmarkings | 02-10-14 | 20044 | | | | 8336 |
| 33 | KOPTASIN | €548.05 | €548.05 | T | PF | Roadmarkings | 02-10-14 | 20045 | | | | 8336 |
| 34 | BDL Ltd. | €90.93 | €90.93 | D | PF | Summer uniform for Ms Joan Mifsud | 27-10-14 | 240738 | 1158 | 1581 | | 8335 |
| 35 | ELC Ltd. | €1,017.29 | €1,017.29 | T | PF | Gardening works for Oct. '14 | 31-10-2014 | 11402 | n/a | n/a | | 8334 |
| 36 | Carmel Carabott | € 120.00 | € 120.00 | D | PF | Aluminium Window | 20-10-2014 | KL001 | 1117 | 1539 | | 8333 |
| 37 | Rosello Cassar | €20.00 | €20.00 | D | PF | PVC Sign for water feature | 28-09-2014 | 28 | 1085 | 1507 | | 8332 |
| 38 | FGP Ltd. | €145.00 | €145.00 | D | PF | Repairs on barrier in Triq San Guzepp | 28-10-2014 | INV24861/P | 1138 | 1560 | | 8331 |
| 39 | Fusion Catering Ltd. | €165.20 | €165.20 | D | PF | Hire of Room for press conference | 01-10-2014 | A1628 | 1091 | 1513 | | 8330 |
| 40 | JM Operations Ltd. | €44.97 | €44.97 | D | PF | Water for adm. Offices | 28-10-14 | 5979 | 1147 | 1570 | | 8329 |
| | **Sub Total c/f** | **4148.88** | **€4,148.88** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **3289.4** | **€3,289.40** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **7438.28** | **€7,438.28** | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 43**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsill Lokali: MARSAXLOKK

Skeda Nru. 11/14

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 15/10/14 sa 11/11/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Maria Barbara | €40.00 | €40.00 | D | PF | Mini-bus services | 22/10/14 | 1 | 1094 | 1516 | | 8238 |
| 42 | Nazzareno Camilleri | €210.00 | €210.00 | D | PF | Hiring of skips | 19/10/14 | 7158541 | 1124 | 1546 | | 8237 |
| 43 | Anton Zarb | €147.50 | €147.50 | D | PF | Purchase of dog bin | 23/101/4 | AZ154-14 | 1132 | 1554 | | 8326 |
| 44 | BETA Centre | €111.79 | €111.79 | D | PF | Water paint for Drive in | 21-10-14 | 466905 | 1063 | 1141 | | 8325 |
| 45 | James Mizzi | €270.00 | €270.00 | D | PF | Tile Laying serv. & supply of sand etc | 21-10-14 | INV01/2014 | 1140 | 1562 | | 8324 |
| 46 | Image Systems | €308.53 | €308.53 | D | PF | Usage coutners for XEROS WC7525 | 30-09-14 | fsma108470 | n/a | n/a | | 8323 |
| 47 | Caruana Bros (R.Caruana) | €54.00 | €54.00 | D | PF | Diesel for Council's van | 04-11-14 | INV957 | 1157 | 1580 | | 8322 |
| 48 | Koptaco Coaches | €141.60 | €141.60 | D | PF | Coach for Cultural Outing | 30-09-14 | kcc10001942 | 08-12-02 | 1495 | | 8321 |
| 49 | MEPA | €739.65 | €739.65 | D | PF | Fees icw TIO | 17-10-14 | b0072003-9033-7 | n/a | n/a | | 8317 |
| 50 | Caruana Bros (R.Caruana) | €5.00 | €5.00 | D | PF | Petrol for machinery | 30-10-14 | 952 | 1151 | 1574 | | 8321 |
| 51 | Caruana Bros (R.Caruana) | €40.00 | €40.00 | D | PF | Diesel for Council's van | 27-10-14 | 950 | 1145 | 1568 | | 8321 |
| 52 | Caruana Bros (R.Caruana) | €47.80 | €47.80 | D | PF | Diesel for Council's van | 09-10-14 | 939 | 1126 | 1548 | | 8321 |
| 53 | Caruana Bros (R.Caruana) | € 10.00 | € 10.00 | D | PF | Petrol for machinery | 13-10-2014 | 944 | 1128 | 1550 | | 8321 |
| 54 | Melita plc | € 35.31 | € 35.31 | D | PF | Internet service for live streaming equip | 01-10-2014 | 100402617 | n/a | n/a | | 8320 |
| 55 | F.Caruana Brothers | € 92.04 | € 92.04 | D | PF | ironmongery | 04-11-2014 | 11257 | 1155 | 1578 | | 8319 |
| 56 | F.Caruana Brothers | € 61.01 | € 61.01 | D | PF | ironmongery | 21-10-2014 | 10982 | 1139 | 1561 | | 8319 |
| 57 | F.Caruana Brothers | € 42.58 | € 42.58 | D | PF | ironmongery | 15-10-2014 | 10853 | 1135 | 1557 | | 8319 |
| 58 | Local Coucils Association | € 50.00 | € 50.00 | D | PF | Registration for Laqgha Plenarja | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8305 |
| 59 | Mary Cachia | € 1,500.00 | € 1,500.00 | D | PF | Rent for Administrative Offices | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8306 |
| 60 | ETC | € 23.00 | € 23.00 | D | PF | Fee for Employees list | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8307 |
| | **Sub Total c/f** | **3929.81** | **€3,929.81** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **7438.28** | **€7,438.28** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **11368.09** | **€11,368.09** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Approvati fis-Seduta Nru: 43

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsill Lokali: MARSAXLOKK

Skeda Nru. 11/14

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 18/7/14 sa 11/11/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Payroll | 6,747.16 € | 6,747.16 € | n/a | n/a | Payroll & Mayor's honorarium for Oct. 2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | | various |
| 62 | Local Coucils Association | 110.00 € | 110.00 € | D | PF | Registration for Mayor's mtg | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8315 |
| 63 | V&A Services | 4,475.64 € | 4,475.64 € | T | PF | Door to door refuse collection for Oct. 2014 | 31/101/4 | MXLC013 | n/a | n/a | | 8316 |
| 64 | Duncan Hall | 1.14 € | 109.96 € | D | PF | Reimbursement for use of personal Transport | 11-11-2004 | req11/2014/dh | n/a | n/a | | 8362 |
| 65 | ARMS Ltd | 300.00 € | 300.00 € | D | PF | New electricity meter @ Xatt is-Sajjieda | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8363 |
| 66 | ARMS Ltd | 760.00 € | 760.00 € | D | PF | New water meter @ Xatt is-Sajjieda | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8364 |
| 67 | | | | | | | | | | | | |
| 68 | | | | | | | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **12393.94** | **€12,502.76** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **11368.09** | **€11,368.09** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **23870.85** | **€23,870.85** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 43**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Petty Cash for October 2014

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PC102/2014 | T.M. Ironmongery | Zebgha tar-ramel | 06/10/2014 | -€ 23.00 |
| PC103/2014 | T.M. Ironmongery | Extension | 14/10/2014 | -€6.90 |
| PC104/2014 | T.M. Ironmongery | 3x LED Bulbs (Kitchen) | 15/10/2014 | -€21.00 |
| PC105/2014 | T.M. Ironmongery | 3x LED Bulbs (Kitchen) | 15/10/2014 | -€21.00 |
| PC106/2014 | T.M. Ironmongery | 3x3 Wall socket | 15/10/2014 | -€5.00 |
| | | ***Petty cash Cheque No. 8267*** | | €100.00 |
| PC107/2014 | Sultana Bazaar | easyline Card for public library | 17/10/2014 | -€5.00 |
| PC108/2014 | Ray's daily fesh fruit | Water | 21/10/2014 | -€2.53 |
| PC109/2014 | Wurth Ltd. | PVC Tape | 29/10/2014 | -€7.97 |
| PC110/2014 | Yukka pet & garden Needs | Rodent ilt | 21/10/2014 | -€12.05 |
| PC111/2014 | T.M. Ironmongery | Flout | 29/10/2014 | -€7.00 |
| PC112/2014 | T.M. Ironmongery | Spray (High-Vis) | 31/10/2014 | -€2.90 |
| PC113/2014 | T.M. Ironmongery | Padlock | 31/10/2014 | -€3.00 |
| PC114/2014 | T.M. Ironmongery | Screwdriver | 31/10/2014 | -€2.80 |

Approved on 11/11/14

Edric Micallef
Mayor

Duncan Hall
Executive Secretary

## Purchase Orders and Purchase Request for October 2014

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1527 | 1105 | 01/10/2014 | Jason Gauci | Newspaper and Supplies | Office | € 130.80 | 31 |
| 1528 | 1106 | 01/10/2014 | F Caruana Ironmongery | Various Supplies | markings | € 40.85 | 31 |
| 1529 | 1107 | 01/10/2014 | Koptasin | Roadmarkings | Road Markings | € 1,325.20 | 31 |
| 1530 | 1108 | | | | | | 31 |
| 1531 | 1109 | | | | | | 31 |
| 1532 | 1110 | 02/10/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | van | € 47.40 | 31 |
| 1533 | 1111 | 02/10/2014 | Smart Office Supplies | Stamp for Deputy Mayor | Office | € 24.07 | 31 |
| 1534 | 1112 | 03/10/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 9.63 | 31 |
| 1535 | 1113 | 03/10/2014 | F Caruana Ironmongery | Safety Shoes for worker | Daily use | € 58.95 | 31 |
| 1536 | 1114 | 03/10/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 6.96 | 31 |
| 1537 | 1115 | 05/10/2014 | Joseph Borg | Sweeping and power wash | Tindif Xatt | € 295.00 | 31 |
| 1538 | 1116 | 06/10/2014 | Alberta Fire and Security | Fire Blanket and Extinguisher | Safety | € 21.00 | 31 |
| 1539 | 1117 | 07/10/2014 | Carmelo Carabott | Aluminium window | Kitchen | € 120.00 | 31 |
| 1540 | 1118 | 07/10/2014 | BDL Books | Various Supplies | Library | € 198.40 | 31 |
| 1541 | 1119 | 07/10/2014 | Nazzareno Camilleri | skip hire | Bankina S.Guzepp | € 70.00 | 31 |
| 1542 | 1120 | 08/11/2014 | Schembri Barbros | Ramel, Kurduni u drop kerbs | Bankina S.Guzepp | € 197.13 | 31 |
| 1543 | 1121 | 08/10/2014 | F Caruana Ironmongery | Various Supplies | Office | € 251.89 | 31 |
| 1544 | 1122 | 09/10/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 45.26 | 31 |
| 1545 | 1123 | 09/10/2014 | Anglu Grech tal-Milord | 2 yardi konkos | Bankina S.Guzepp | | 31 |
| 1546 | 1124 | 09/10/2014 | Nazzareno Camilleri | 2 skip hire | Clean UP | € 140.00 | 31 |
| 1547 | 1125 | 10/10/2014 | Anglu Grech tal-Milord | 3/4 yardi konkos | Bankina S.Guzepp | | 31 |
| 1548 | 1126 | 10/10/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | Van | € 47.80 | 31 |
| 1549 | 1127 | 13/10/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 12.58 | 31 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1574 | 1151 | 30/10/2014 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghal Pompa | Pompa | € 5.00 | 32 |
| 1575 | 1152 | 31/10/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 9.66 | 32 |
| 1576 | 1153 | 31/10/2014 | Alex Mercieca | Floor Tiles | Kitchen | € 598.73 | 32 |

Approved on 11/11/14

Edric Micallef
Mayor

Duncan Hall
Executive Secretary